KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 436 (8-64)

It-Tnejn 24 t'April fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm minħabba nuqqas ta' kworum.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Sant (daħal għal laqgħa fis-7.10pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**436.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**436.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Adrian Farrugia.

**436.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**436.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 435. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**436.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**436.2.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia rrefriet għal punt 435.6, Skema SPI/SCI/02/2023. Hija qalet li talbet kjarifika lid-Dipartiment u ċċarat li din l-iskema tapplika biss għal manutenzjoni tal-binja tal-librerija. Peress li diġa saret manutenzjoni is-sena li għaddiet, allura din is-sena mhemmx eliġibilta' biex napplikaw għal proġett ta' reading corner kif kien maħsub.

**436.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**436.3.1** Is-Sindku informa li l-garanzija bankarja minn naħa tal-Kunsill għall-proġett tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier ġiet proċessata u mibgħuta lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Qed nistennew konferma għal bidu tax-xogħolijiet, previsti għal Mejju. Il-Kunsilliera Francine Farrugia fakkret dwar il-laqgħa mal-perit dwar kwistjoni ta' aċċessibilita ta' sidien ta' għalqa. Is-Sindku qal li ser ikellem immedjatament lill-Perit responsabbli biex jagħmel kuntatt.

**436.3.2** Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ma' TM għall-arrangament ta' one-way fi Triq il-Muża għadu ma ġiex approvat. Dan wara li TM infurmaw lill-Kunsill li l-arranġamenti tal-proġett li sar minn Infrastructure Malta ma kienux iregolariżżati u allura l-applikazzjoni ma tistax tiġi proċessata. Is-Sindku qal li kkuntattja lill-Perit ta' IM biex ix-xogħol jiġi regolariżżat.

**436.3.3** Is-Sindku irrefera għall-approvazzjoni ta' miżuri ta' sigurta fi Triq Dun Manwel Zammit, fosthom 4 belisha crossing tul it-triq. Huwa qal li qed jinġabru stimi għax-xogħolijiet kompluti biex ikollna idea tal-ispiża totali. Sadanittant, qiegħed f'komunikat ma' Transport Malta biex naraw il-possibilta ta' għajnuna finanzjarja biex dan il-proġett ikun jista jitwettaq mingħajr dewmien.

**436.3.4** Is-Sindku informa li bħalissa hemm ħsarat tekniċi kemm fil-lattrina ta' Għar Lapsi, fejn għamlet żmien magħluqa u saret manutenzjoni temporanja biex tkun tista tinżamm miftuħa, u fuq il-lattrina tal-bandli Nalizpelra li hemm diversi ħsarat kkaġunati minn valdaliżmu. Huwa qal li bħalissa l-Kunsill qed jaħdem mar-Reġjun biex titħejja stima tal-bżonnijiet u tiswijiet u anka mmodernizzar anka biex issir awtomatizzazjoni, peress li hemm fondi reġjonali ta' massimu ta' €50,000 kull lokalita' tar-Reġjun. Is-Sindku qal li d-deċiżjoni finali tal-allokazzjoni hija ta' bord maħtur mir-Reġjun u x-xogħolijiet jinħarġu b'tender minn kull Kunsill rispettivament.

**436.3.5** Is-Sindku qal li f'Marzu l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ospita konferenza ta' Proġett Ewropew ikkoordinata mir-Reġjun Punent fejn kienu preżenti delegazzjoni minn diversi pajjiżi.

**436.3.6** Saret ukoll il-laqgħa preliminarja għal youth exchange li ser isir f'Novembru ikkoordinat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fejn kienu preżenti leaders mill-ħames pajjiżi parteċipanti. Hu qal li ġie preżentat draft ta' programm u spjegazzjoni tal-proġett mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff tal-Kunsill tat-tħejjija u l-preparazjoni biex isiru attivitajiet ta' dan il-livell.

**436.3.7** Is-Sindku informa li l-ġimgħa l-oħra saru laqgħat mal-kuntratturi tat-tindif; ġbir ta' skart, knis u tindif rurali, fejn kien preżenti il-contracts manager u anka s-Segretarju Eżekuttiv. Dawn it-tip ta' laqgħat huma produttivi u ser jibdew isiru b'mod regolari.

**436.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**436.4.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk hemmx informazzjoni dwar meta ser ikun komplut ix-xogħol fi Triq is-Sejba, l-Imqabba. Is-Sindku wieġeb li skond informazzjoni li ingħatat fil-konferenza stampa, ix-xogħol għandu jkun lest f'Ġunju.

**436.5 Aġġornament dwar ix-xogħolijiet fi Triq is-Siġġiewi, Triq il-Palazz tal-Verdala, Triq iż-Żerniq, Triq Papa Pawlu VI, u Triq l-Għid**

**436.5.1** Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill saret laqgħa fuq il-post mal-Perit ta' IM fejn ġie spjegat il-proċess li bih qed jaħdmu. Huwa qal li bdew jinbidlu is-servizzi tat-toroq imsemmija u anka l-bankini fejn hemm bżonn li jitranġaw. Ġew diskussi wkoll is-sinjali tat-traffiku u parkeġġ fi Triq Papa Pawlu VI u anka l-bankina ta' naħa minnhom li hemm bżonn titwessa biex tiġi skond ir-rekwiżiti. Dan jista joħloq tnaqqis sostanzjali ta' parkeġġ minn kif qiegħed preżentement u allura tinħoloq inkonvenjenza lir-residenti. Il-Perit qal li ser jagħmel survery u sketch tas-sinjali tat-triq biex jintbagħtu lil TM għall-approvazzjoni.
Is-Sindku propona li l-bankina msemmija għandha ssir bil-minimu tal-wisa' biex kemm jista jkun jidħlu parkeġġi fit-triq anka peress li fiż-żona hemm bini massiċċ. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**436.5.2** Is-Sindku semma wkoll il-proposta ta' roudabout fil-wesgħa ta' Triq is-Siġġiewi bejn Triq Papa Pawlu VI, fejn ikun hemm eċċess ta' veloċita u allura l-perit propona li r-roundabout tkun elevata. Rigward din, il-Perit qed jaħdem fuq diżinji biex jiġu mressqa lil TM għall-approvazzjoni. Issemma wkoll il-bżonn ta' zebra crossings tul Triq is-Siġġiewi u anka li dik eżistenti titressaq minħabba li qegħda f'kantuniera, kif diġa kien propost żmien ilu mill-istess TM.

**436.5.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-linji tat-traffiku tal-bidu tat-triq kif toħroġ minn Triq Dun Manwel biex jiġu rranġati peress li bħalissa qegħdin linja kontinwa jiġifieri li min ikun ħiereġ minn Triq Dun Manwel Zammit ma jistax idur direzzjoni lejn is-Siġġiewi. Is-Sindku wieġeb li meta jitlesta l-proġett ta'resurfacing u jkunu qed isiru l-marki taż-żebgħa tinġibed l-attenzjoni dwar dan.

**436.6 Aġġornament dwar ix-xogħolijiet u arranġamenti tat-traffiku Triq Annabelle Vassallo, Triq Lapsi, Triq l-Imqabba**

**436.6.1** Is-Sindku qal li l-esproprju tal-art fi Triq l-Imqabba issa ġie finaliżżat. Informa li intbagħat il-pjan tal-proposta ta' arranġament tat-traffiku lil Transport Malta għall-approvazzjoni ħalli il-proġett isir b'mod ħolistiku.

**436.7 Aġġornament dwar il-Proġett tal-Ġnien f'Binja Ramija**

**436.7.1** Is-Sindku informa li ġiet riċevuta il-Grant Consent Form għall-ispazju miftuħ ta' Ramija. Huwa qal li l-Kunsill applika wkoll taħt l-iskema ta' projects green ħalli jkun hemm 'joint forces' biex dan il-proġett jiġi mwettaq u jista' jitgawda kemm minn nies ta' Binja Ramija u minn kulħadd.

**436.8** **Ħaddiem assenjat tal-CWS**

**436.8.1** Is-Sindku informa li ultimament inħolqot sitwazzjoni li kompliet tiskala bejn il-ħaddiema assenjati, fejn l-individwu partikolari, assenjat mal-iskema CWS kien qed joħloq stress bejn il-ħaddiema u tfixkil. Hu spjega li l-atteġġament tiegħu huwa wieħed diffiċli u għalkemm ingħata żmien biżżejjed biex ikun hemm ċans għal rimedju, is-sitwazzjoni ma baqgħetx iktar tenibbli, tant li f'ċirkostanzi li inqalgħu, il-ħaddiem ġie sospiż milli jaħdem mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Is-Sindku qal li għalkemm hemm bżonn ta' iktar ħaddiema fuq barra għax haw ħafna xogħol, individwi li joħolqu tensjoni u tfixkil mhux posthom mat-team tal-ħaddiema għax ma jagħmlu l-ebda ġid. Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-Uffiċjal tal-iskema fejn intalab li l-ħaddiem jiġi assenjat x'imkien ieħor. Hu qal ukoll li saret talba għal iktar ħaddiema assenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni.

**436.9** **Tenders**

**436.9.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti aġġornament dwar it-tenders.

**436.9.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tenders LCS54/22 Traffic Signs and Markings ingħalaq u t-tender ġie mogħti lil B.Grima & Sons Ltd. bħala l-irħas offerent.

**436.9.3** It-tender LCS45/22/1 Supply and installation of Safety Flooring at Nalizpelra Playground, ingħalaq ukoll u t-tender ġie mogħti lil JGC bħala l-irħas offerta. Hija qalet li l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa mal-kuntrattur biex immedjatament jiġi ordnat il-materjal u sussegwentement jibda x-xogħol. Is-Sindku qal li l-bandli bħalissa jinsab magħluq u qed jiġi printjat banner informattiv biex jitwaħħal mal-grada. Is-Sindku qal li min jidħol xorta fil-playing field b'xi mod ieħor ikun qed jagħmel dan a skapitu tiegħu.

**436.9.4** Is-Sindku informa li nhar it-Tnejn l-1 ta' Mejju hija pjanata laqgħa bejn l-Arċipriet u l-għaqdiet dwar il-festa fejn jiġu diskussi l-armar, baned, marċi, u attivitajiet relatati. Fil-ġimgħat li ġejjin issir ukoll laqgħa mal-Pulizija fejn ikunu preżenti l-għaqdiet u s-sidien tal-ħwienet.

**436.9.5** Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal għal alqgħa fis-7.10pm.

**436.10** **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar-Marzu 2023 (Q1)**

**436.10.1** Ir-rapport finanzjarju ma tlestiex sad-data tas-Seduta u ser jiġi preżentat fis-Seduta li jmiss.

**436.11** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**436.11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**436.11.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni dwar applikazzjoni EC/00037/23 u EC/000410/16. Il-Kunsillier Julian Borg qal li dawn huma avviżi ta' infurzar.

**436.11.3** Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni fuq PA/02192/23 u qal li ser ikun hemm bidla fil-viżwal tal-iskyline tal-Pjazza. Ġie rrakomandat li jintalbu fotomontaġġi tal-applikazzjoni.

**436.12** **Rapport tal-Korrispondenza**

**436.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**436.12.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat korrispondenza mingħand is-sidien tal-istabbiliment Papa's għal talba għal laqgħa rigward diversi issues relatati mal-festa. Is-Sindku talab li ssir laqgħa fil-ġranet li ġejjin.

**436.12.3** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-invit mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali għall-konferenza bis-suġġett 'Tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali', nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023, f'Dar il-mediterran għall-Konferenzi, il-belt Valletta. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera jattendu.

**436.12.4** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mill-GreenPak rigward il-bring in sites. Hija qalet li s-settijiet ta' ibins tpoġġew fis-siti proposti mill-Kunsill u issa l-Kunsill qiegħed in regola bin-numru ta' bring in sites skond l-avviż legali. Qed issir koordinament biex kull sit ikun monitored minn cameras kemm mill-Greenpak stess kif ukoll mill-Lesa. Il-cameras ikunu a spejjeż tal-GreenPak iżda l-Kunsill għandu spiża ta' €29.50 mensili għas-sim card ta' kull camera.

**436.13** **Rapport tal-ilmenti**

**436.13.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**436.14** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**436.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**436.15** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**436.15.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk il-plakka tal-inawgurazjoni tan-niċeċ fi Triq is-Siġġiewi hix ser tiġi mibdula peress li fiha żbalji u anka l-arma l-antika.

**436.15.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet li hemm qtugħ ta' dawl fit-Triq ta' Għar Lapsi. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jkun hemm indikazzjoni eżatt tal-lampi ħalli jsir ir-raport.

**436.15.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li residenti infurmawha li Triq Ġuża Mifsud kienet one way u issa saret two way. Is-Sindku qallha li ma kien hemm l-ebda tibdil fl-imsemmija triq.

**436.15.4** Il-Kunsilliera Francien Farrugia semmiet il-bankina imkissra ħdejn l-aħħar bus stop ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi.

**436.16** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**436.16.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

**436.16.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li dak inhar ser tkun indisposta. Wara li ġew proposti diversi dati. Kien hemm qbil fuq it-22 ta' Mejju 2023.

Konfermati, illum 22 ta' Mejju 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv